

Brussell, 8 ta' Jannar 2016  
(OR. en)

15564/15

ECOFIN 1009  
UEM 437  
SOC 725  
EMPL 471  
COMPET 573  
ENV 812  
EDUC 326  
RECH 313  
ENER 440  
JAI 1027

**NOTA**

---

|          |                                                                                                                                                                 |
|----------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (parti 2)/Kunsill                                                                                                         |
| Suġġett: | Semestru Ewropew 2016 - Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir: gwida makroekonomika u fiskali għall-Istati Membri<br>– Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN |

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir imħejjija mill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju.

– Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir –

Il-Kunsill (ECOFIN):

## **I IS-SEMESTRU EWROPEW 2016**

1. JILQA' l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2016 tal-Kummissjoni, li jistabbilixxi prioritajiet ta' politika ġenerali għall-impjiegi u t-tkabbir fl-UE u l-Istati Membri tagħha, u jimmarka l-punt ta' tluq tas-Semestru Ewropew 2016.
2. JIKKONDIVIDI B'MOD ĠENERALI l-analiżi tal-Kummissjoni tas-sitwazzjoni ekonomika u l-isfidi ta' politika fl-UE. Minkejja rkupru moderat li huwa mistenni li jaċċellera gradwalment, ħafna ekonomiji jiffaċċjaw sfidi ta' politika strutturali estensivi. It-tkabbir u l-impjiegi huma limitati minn żbilanċi makroekonomiċi persistenti. Għadd ta' ekonomiji għandhom qgħad għoli fit-tul u fost iż-żgħażaġh, u t-tkabbir kajman tal-produttività qed jaffettwa l-kompetittività u l-istandards tal-ġhajxien. Livelli għolja ta' dejn privat u pubbliku, flimkien mal-prospett dgħajjef ta' tkabbir, qed iżommu lura l-investment.

3. F'dan il-kuntest, JENFASIZZA li l-politika għandha tkun immirata lejn il-konsolidazzjoni tal-irkupru u l-indirizzar tal-iżbilanċi makroekonomiċi. L-irkupru jirrifletti parzjalment l-impatt dejjem jikber li qed ikollhom riformi implimentati fl-aħħar snin u l-Istati Membri għandhom ikompli jimplimentaw riformi ambizzjużi u politiki fiskali responsabbli. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika, inklużi r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi u dawk għaż-żona tal-euro, matul is-sena. JISTIEDEN lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju u l-Kumitat tal-Politika Ekonomika biex jagħmlu dan, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni u l-Istati Membri, u JISTENNA B'INTERESS li jiddiskuti l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi fil-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill fix-xhur li ġejjin.
4. JAQBEL dwar l-oqsma ta' prijorità tal-politika ġenerali deskritti mill-Kummissjoni li fuqhom għandhom jiġu kkonċentrati l-isforzi fil-livell nazzjonali u tal-UE fl-2016: It-tnedija mill-ġdid tal-investment, il-ħidma għal riformi strutturali biex jiġu mmodernizzati l-ekonomiji tagħna, u l-finanzi pubbliċi responsabbli. JIRRIKONOXXI l-enfasi aktar b'saħħitha fuq l-impjiegi u l-prestazzjoni soċjali.
5. L-irkupru, għalkemm mistenni li jaċċellera gradwalment, qed jibbenefika ħafna minn fatturi pożittivi temporanji inklużi l-prezzijiet baxxi taż-żejt, euro aktar dgħajef u politiki monetarji akkomodati ħafna. Fl-istess waqt, intensifikaw it-tħassib dwar is-sigurtà u t-tensjonijiet ġeopolitiċi u l-perspettiva ekonomika globali qed issir aktar ta' sfida sabiex marra għall-aġar ir-riskji ta' ċaqliq 'l isfel għall-perspettiva ekonomika fl-Unjoni. F'dan il-kuntest JENFASIZZA li, b'rispett sħiħ għar-rwol tal-atturi rilevanti kollha, jeħtieġ li l-politiki ekonomiċi jikkontribwixxu aktar lejn il-kisba ta' tkabbir aktar b'saħħtu u sostenibbli.
6. JILQA' l-proposti tal-Kummissjoni biex iġeddu s-Semestru Ewropew, stabbiliti fil-pakkett ta' Governanza Ekonomika tagħha ta' Ottubru 2015.

## II ORJENTAZZJONIJIET TA' POLITIKA FISKALI U MAKROEKONOMIKA

### Tnedija mill-ġdid tal-investment

7. JIRRIKONOXXI li parzjalment b'riżultat tal-kriżi, il-livell ta' investment waqa' b'mod sostanzjali. Minkejja kundizzjonijiet favorevoli ġenerali ta' rati baxxi tal-imgħax, ħafna likwidità fis-swieq finanzjarji u l-progress fil-proċess ta' diżingranaġġ, il-livelli ta' investment għadhom baxxi. JENFASIZZA l-ħtieġa urġenti li tingħata spinta lill-investment billi tittejjeb il-klima ġenerali tal-investment biex jiġi appoġġat l-irkupru ekonomiku, u biex jiżdiedu l-produttività u l-potenzjal ta' tkabbir.
8. JILQA' l-kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Bank Ewropew tal-Investment biex jagħmlu operattiv il-Pjan ta' Investment għall-Ewropa f'inqas minn sena. JILQA' l-progress li sar dwar il-mobilizzazzjoni tal-investment privat u pubbliku u JIRRIKONOXXI l-importanza tal-għażla ta' proġetti strateġiċi b'addizzjonalità għolja skont il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) biex jiġu mobilizzati riżorsi addizzjonali tas-settur privat. JAPPELLA għal tisħiħ ta' għarfien nazzjonali dwar il-FEIS, u l-iżvilupp ta' proġetti ta' investment pubbliċi u privati.
9. JENFASIZZA l-ħtieġa li jittejjeb l-ambjent regolatorju kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew biex jitneħħew l-ostakli regolatorji, amministrattivi u oħrajn għall-investment privat u biex jiġu sfruttati l-benefiċċji ta' prevedibbiltà regolatorja, it-titjib u d-diversifikazzjoni ta' sorsi ta' finanzi u r-rinfurzar ta' kundizzjonijiet indaqs fl-UE. JENFASIZZA li għandha tingħata attenzjoni biex tiġi żviluppata kapaċità amministrattiva adegwata, kif ukoll tizzied it-trasparenza, l-effiċjenza, u r-responsabbiltà fl-akkwist pubbliku.
10. JIKKONDIVIDI l-analiżi tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa li jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' finanzjament għall-ekonomija reali u JIRRIKONOXXI l-importanza li tiġi avvanzata b'mod rapidu l-ħidma dwar l-Unjoni Bankarja biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja. JILQA' b'sodisfazzjon il-Pjan ta' Azzjoni ppreżentat mill-Kummissjoni biex tinbena Unjoni tas-Swieq Kapitali u jitlob lill-atturi rilevanti kollha biex jiżguraw l-implimentazzjoni rapida tiegħu.

### III INSEGWIMENT TA' RIFORMI STRUTTURALI GĦALL-IMMODERNIZZAR TAL-EKONOMIJI TAGĦNA

11. JILQA' l-progress tal-Istati Membri fl-immodernizzar tal-ekonomiji tagħhom u fl-indirizzar ta' żbilanċi makroekonomiċi identifikati fis-snin preċedenti. JENFASIZZA li l-prestazzjoni tal-Istati Membri tvarja b'mod sinifikanti f'xi oqsma kruċjali għall-produttività u l-konverġenza u JISTENNA B'INTERESS l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tesplora l-użu ta' punti ta' riferiment u l-iskambju tal-aħjar prattiki fl-oqsma kollha ta' politika sabiex tinkoraġġixxi l-konverġenza lejn dawk bl-aħjar prestazzjoni u strutturi ekonomiċi aktar reżiljenti biex jinkisbu l-produttività, l-impjiegi u t-tkabbir fil-prodott aktar b'saħħithom u sostenibbli. JENFASIZZA li diskussjoni bir-reqqa dwar l-adegwatezza ta' punti ta' riferiment ser tkun vitali għall-użu effettiv tagħhom fil-qafas ta' governanza ekonomika, u JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tiġi żgurata u ssalvagwardjata s-sjieda nazzjonali ta' riformi strutturali bħala fattur ewlieni għal implimentazzjoni effettiva, anke f'oqsma li huma kompetenza nazzjonali.
12. JIRRIKONOXXI r-rwol li l-finanzjament tal-UE u l-assistenza teknika jista' jkollhom fl-appoġġ ta' implimentazzjoni tar-riformi. JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttejjeb l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej f'dan ir-rigward.
13. JENFASIZZA l-ħtieġa ta' attenzjoni fuq għadd ta' riformi ewlenin fis-suq tax-xogħol, li jirrispettaw ir-rwol tas-sħab soċjali, biex jgħinu fl-indirizzar ta' qgħad fost iż-żgħażaġh u fit-tul; li jiffaċilitaw l-aġġustament ta' pagi reali biex jirriflettu b'mod adatt movimenti fil-produttività matul il-perijodu medju; jimmodernizzaw il-leġislazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi; isaħħu l-formazzjoni ta' kapital uman; u jtejbju l-effettività ta' sistemi tal-protezzjoni soċjali. JIRRIKONOXXI li jinħtieġ approċċ komprensiv għall-integrazzjoni ta' migranti u l-influss reċenti ta' refuġjati u jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol.
14. JENFASIZZA li l-isforzi għandhom jiġu intensifikati biex jippromwovu swieq miftuħa u kompetittivi tal-prodotti u s-servizzi, u jtejbju wkoll il-funzjonament tas-suq uniku Ewropew. JIRRIKONOXXI l-potenzjal ta' teknoloġiji u mudelli kummerċjali ġodda bħala sorsi addizzjonali ta' tkabbir li jistgħu jwasslu għal ħolqien sinifikanti ta' impjiegi.

#### IV. POLITIKI FISKALI RESPONSABBLI

15. JILQA' l-progress fil-konsolidazzjoni fiskali, iżda JIRRIKONNOXXI li l-livelli ta' dejn pubbliku fil-parti l-kbira tal-Istati Membri jibqgħu għoljin u li għad hemm il-ħtieġa li jiġi żgurat kontroll fit-tul fuq il-livelli tad-defiċit u d-dejn. JENFASIZZA li l-Istati Membri għandhom ikomplu jimplimentaw il-politiki fiskali tagħhom f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (SGP), li jippermetti lill-istabbilizzaturi awtomatiċi jaħdmu skont il-mod maqbul ta' aġġustament strutturali filwaqt li jsir l-aħjar użu mill-flessibbiltà fir-regoli eżistenti tal-SGP u li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul ta' finanzi pubbliċi. L-isforz fiskali għandu jkun differenzjat minn Stati Membri individwali f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti skont l-SGP, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet ta' stabbilizzazzjoni, kif ukoll filwaqt li jittieħed kont tal-possibbiltà ta' effetti konsegwenzjali fl-Istati Membri kollha, inkluż għaż-żona tal-euro kollha kemm hi. JINNOTA li l-Kummissjoni tevalwa l-pożizzjoni fiskali taż-żona tal-euro u l-UE kollha kemm hi għall-2015 u l-2016 bħala waħda ġeneralment newtrali u adatta, li tibbilanċja l-istabbilizzazzjoni fit-terminu qasir u s-sostenibbiltà fit-tul. JILQA' li l-Kummissjoni ser tieħu kont tal-impatt baġitarju tal-infiq addizzjonali relatat mal-kriżi straordinarja tar-refuġjati f'konformità mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. JENFASIZZA li l-politiki fiskali għandhom ikunu stabbiliti f'oqfsa ta' governanza nazzjonali effettivi sabiex tissaħħaħ il-fiduċja, jerġa' jkun hemm l-isparzi fiskali (fiscal buffers) meħtieġa u jiġu evitati politiki fiskali proċikliċi. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tinżamm il-kredibbiltà u l-effettività fl-iżgurar tar-responsabbiltà fiskali. JENFASIZZA li dħul imprevisit mill-ambjent ta' rata ta' imġax baxxa għandu jintuża primarjament biex jitnaqqsu l-proporzjonijiet tad-dejn jew jiġi kkompensat l-effett ta' inflazzjoni eċċezzjonalment baxxa li jippersisti fuq il-proporzjon tad-dejn, speċjalment f'dawk l-Istati Membri b'dejn għoli tal-gvern, iżda possibbilment ukoll għal investimenti jew riformi strutturali, skont il-pożizzjoni fiskali tal-pajjiż.

16. JISĦAQ li għandha tingħata aktar attenzjoni lill-kwalità u l-kompożizzjoni ta' aġġustament fiskali u l-influwenza ta' politika fiskali fuq it-tkabbir, billi tittejjeb l-effiċjenza tan-nefqa u permezz tal-prijoritizzazzjoni ta' investiment produttiv, inkluż il-kapital uman, fin-nefqa tal-gvern, billi ssir bidla għal sistema ta' tassazzjoni li hija aktar effiċjenti u favur it-tkabbir, u għall-ħtieġa li jiġu indirizzati l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa u biex jitnaqqas l-ippjanar fiskali aggressiv. JILQA' l-Pjan ta' Azzjoni ppreżentat mill-Kummissjoni f'Ġunju 2015 bil-għan li tiġi stabbilita mill-ġdid ir-rabta bejn it-tassazzjoni u l-post ta' attività ekonomika u l-ħolqien tal-valur.
17. JIRRIKONNOXXI l-isfida demografika u l-ħtieġa li titwettaq permezz ta' ppjanar prudenti tal-baġit u politiki responsabbli li jiżguraw is-sostenibbiltà tal-pensjonijiet, il-kura tas-saħħa u s-sistemi ta' kura fit-tul. JENFASIZZA r-rwol tas-sħab soċjali jew partijiet ikkonċernati ewlenin oħra f'konformità mal-prattika nazzjonali biex tiġi żgurata s-sjieda nazzjonali tar-riformi u JENFASIZZA li sistemi tal-protezzjoni soċjali għandhom ikunu fiskalment sostenibbli.
-